MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2010

Numru. 55/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**KONTRA**

**MANWEL FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Manwel Fenech ta' 62 sena, bin Anthony u Liberata nee' Bonavia, mwieled Wied il- Ghajn nhar l- 24 ta' Dicembru 1947, residenti Gawhra, Triq il- Kapuccini, Zabbar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 55048(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar il- 21 ta’ Jannar 2010, ghal habta tas-6.00pm, filwaqt li kien fi Triq il- Kapuccini, Zabbar, bi vjolenza u b’ theddid gieghel lill- Gwardjan Lokali G-356 Vincent Schembri, bhala ufficjal Pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x’ taqsam mal- kariga tieghu;

2) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq il- Kapuccini, gewwa Haz-Zabbar, attakka jew ghamel xi rezistenza bi vjolenza jew b’ hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuna tal- Gwardjan Lokali G- 356 Vincent Schembri, bhala persuna nkarigata skond il- Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi fl- ezekuzzjoni tal- Ligi jew ta’ Ordni mghoti skond il- Ligi mill- Awtorita’ komptetenti;

3) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq il- Kapuccini, gewwa Zabbar, ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal- Gwardjan Lokali G- 356 Vincent Schembri, bhala persuna ta’ wiehed inkarigat skond il- Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezza’ jew jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

4) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien fi Triq il- Kapuccini gewwa Zabbar, ma obdiex l- ordnijiet Legittimi ta’ l- Awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku, jew ma halliehx jew fixkel lill- Ufficjal Pubbilku kien qed jaghmel id- dmirijiet tieghu;

5) Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl- istess cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq il- Kapuccini, gewwa

Zabbar, volontarjament kiser il- Bon Ordni u l- Paci Pubblika b' ghajjat u glied;

6) U aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostnazi, filwaqt li kien fi Triq il- Kapuccini, Zabbar qal kliem oxxen, indecentiu dagha;

7) Barra minn dan, akkuzat ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b' tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li b' tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat, fid-data, lok u hin indikati, qam diverbju bejn l-imputat u Gwardjan Lokali, G-356 Vincent Schembri, dwar ilment li kellu l-imputat stess fuq problema ta' "parking" ta' vetturi b'mod abuziv qrib tad-dar residenzjali tieghu. Dan kollu nqala' minhabba hanut li hemm biswit il-proprjeta' tal-imputat, u l-kongestjoni ta' traffiku u storbju li jinholoq minhabba dan l-istess stabbiliment. Madankollu, l-incident kien wiehed de minimis, u l-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha taghti xi sanzjoni partikolari lill-imputat, ghalkemm qed jinstab hati ta' xi uhud biss mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 91, 95, 96, 338 (ee), 338 (dd), 338 (bb), 251B tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tat- tieni (2) u s- seba' (7) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

Issib lill- imputat hati tal- ewwel (1), it- tielet (3), ir- raba (4), il- hames (5) u s- sitt (6) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------